MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2008

Talba Numru. 516/2007

**Eden Entertainment Ltd (C-26701)**

**Vs**

**Glenn Paul Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta` Gunju, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba` mija u tmienja u sebghin lira, sitta u sittin centezmu (Lm778.66c), rapprezentanti valur ta` servizzi ta` reklamar rezi lill-konvenut fl-Eden Century Complex.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra datata 22 ta` Novembru, 2006 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tar-relattiva invoice cioe` mis-16 ta` Dicembru, 2005 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment l-istess konvenut ma deherx la fis-seduta tad-29 ta` Frar, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` €1813.78c (Euros) gia` Lm778.66c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-16 ta` Dicembru, 2005 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------